MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 1134/1991/1

**Citazzjoni numru 1134/91GC**

**Henry P. Cole**

**vs**

**Salvatore sive Sammy Murgo**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi l-attur jinsab kreditur fis-somma ta' elf u erba' mitt liri maltin (Lm1400) rapprezentanti import ta' seba' (7) kambjali iffirmati u accettati mill-konvenut, liema kambjali skadew mill-31 ta' Dicembru 1986 sat-30 ta' Gunju 1987,

minghajr ma thallsu (Dok. A1 sa A7), liema dejn hu cert, likwidu u dovut;

Illi fil-fehma ta' l-attur, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba ghall-hlas ta' l-ammont mitlub;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf u erba' mitt lira (Lm1,400) rapprezentanti import ta' seba' (7) kambjali, iffirmati u accettati mill-konvenut, liema kambjali skadew minghajr ma thallsu;

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza rispettiva sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati ta' sekwestru u ta' impediment ta' partenza pprezentati fil-24 ta' Settembru, 1991 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, ghal dawn ir-ragunijiet :- (a) l-azzjoni hija preskritta peress illi l-kambjala giet iffirmata aktar minn hames (5) snin ilu u (b)

illi f'kwalunkwe kaz il-kambjala tirreferi ghall-azzjoni illegali u ghaldqstant il-konvenut jitlob li dina l-Onorabbli Qorti taghtih terminu perentorju sabiex ikun jista' jagixxi fil-Qorti kompetenti sabiex jigi dikjarat in-nullita' tal-kambjala u sabiex jigi dikjarat ukoll illi l-meritu stante illi jirreferi ghall-agir illegali ma tistax il-Qorti jkollha gurisdizzjoni f'azzjonijiet li jirrigwardaw meritu illegali;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut dbitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Marzu 1993 minn fejn jirrizulta li l-konvenut inghata xahar zmien minn dak in-nhar biex jintavola kawza ad hoc quddiem il-Qorti kompetenti ghad-dikjarazzjoni ta' nullita tal-kambjali in kwestjoni u b'intiza kjara li jekk dan it-terminu jghaddi inutilmrnt il-Qorti tohodha li l-konvenut ma baqghax jinsisti fuq l-eccezzjoni 1(b) a fol.12 u ghalhekk il-Qorti tikkonsidra bhal li kieku ma nghatax;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 1993 minn fejn jirrrizulta li k-konvenut iddikjara li ghamel kawza a tenur tal-imsemmi verbal tas-seduta tal-1 ta' Marzu 1993. In vista ta' din id-dikjarazzjoni l-Qorti ssoprassjediet sakhemm tkun deciza finalment il-kawza indikata mill-konvenut u ghalhekk il-kawza giet differita "sine die" riappuntabbli wara li tigi deciza finalment l-imsemmija kawza l-ohra;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru 2000 li bih il-kawza rega giet appuntata ghas-smiegh sabiex tigi trattata u deciza;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Jannar 2001 minn fejn jirrizulta li l-konvenut rrileva li din il-kawza kienet giet dikjarata "dezerta" skond dikjarazzjoni tat-3 ta' April 2000 kif jidher mill-kopertina tal-process u l-istess konvenut irriserva li jghamel sottomissjonijiet ulterjuri f'dan ir-rigward anke bil-miktub;

Rat  l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju 2001;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur;

Ikkonsidrat:

L-attur jippretendi li hu kreditur tal-konvenut fis-somma ta' elf u erba' mitt liri maltin (Lm1400) rapprezentanti l-import komplessiv ta' seba' (7) kambjali debitament iffirmati u accettati mill-konvenut u liema kambjali skadew, minghajr ma thallsu, bejn il-31 ta' Dicembru 1986 u t-30 ta' Gunju 1987. L-attur ghalhekk qed jitlob li l-knvenut jigi kkundannat ihallas l-imsemmi ammont;

Da parti tieghu l-konvenut eccepixxa li l-azzjoni tal-attur hija preskritta peress illi l-kambjala giet iffirmata aktar minn hames (5) snin qabel u li, f'kwalunkwe kaz, il-kambjala tirreferi ghall-azzjoni illegali;

Dawn iz-zewg eccezzjonijiet ghandhom jigu rigettati. L-imsemmija l-ewwel eccezzjoni, rigwardanti l-preskrizzjoni, ma tista qatt tigi akkolta, peress li l-konvenut naqas li jindika l-artikolu tal-ligi li fuqu huwa qed jibbaza din l-istess eccezzjoni tieghu. Barra minn hekk l-iskadenza ta' kull kambjala tirrizulta mill-istess kambjala u ma hemmx dubju li kwalunkwe terminu ta' preskrizzjoni jibda jghaddi minn tali skadenza u mhux minn meta giet iffirmata l-istess kambjala;

Lanqas ma tista tigi akkolta t-tieni eccezzjoni rigwardanti l-kawza illecita. Din il-kwestjoni giet deciza b’mod finali fi proceduri separati u ghalhekk f’dan ir-rigward illum hemm gudikat bejn il-partijiet. Inoltre l-kwestjoni giet deciza

kontra l-konvenut. Dan kollu hu ammess mill-istess konvenut fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu tat-18 ta’ Ottubru 2001;

Fl-imsemmija nota ta’ sottomissjonijiet l-istess konvenut jissolleva kwestjoni dwar ir-rtiappuntament ta’ din il-kawza. Difatti jirrizulta li fis-seduta tal-1 ta' Marzu 1993 din il-Qorti (diversament presjeduta) akkordat xahar zmien lill-konvenut sabiex jipprocedi b'kawza quddiem il-Qorti kompetenti ghad-dikjarazzjoni ta' nullita’ tal-kambjali in kwestjoni. Fis-seduta tat-28 ta' April 1993 il-konvenut iddikjara li ghamel kawza a tenur tal-imsemmi verbal tas-seduta tal-1 ta' Marzu 1993 u ghalhekk din il-Qorti (diversament presjeduta) iddeciediet li tissoprassjedi u ddifferiet il-kawza "sine die" riappuntabbli wara li tigi deciza finalment l-imsemmija kawza l-ohra;

Il-kawza l-ohra li ghamel il-konvenut sabiex il-kambjali jigu dikjarati nulli giet deciza finalment mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2000. B'hekk din il-kawza regghet giet appuntata ghas-smiegh b'digriet tal-5 ta' Ottubru 2000. Jirrizulta ukoll, pero', li fil-frattemp, cioe' fit-3 ta' April 2000, il-Registratur tal-Qorti iddikjara li din il-kawza kienet "dezerta" ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Ma hemmx dubju li din il-kawza giet dikjarat "dezerta" bi zball. Ir-Registratur tal-Qorti qatt ma seta jiddikjara l-kawza dezerta u dana in vista tal-imsemmi digriet tal-Qorti tat-28 ta' Apri 1993 fejn il-kawza thalliet "sine die" riappuntabbli wara li tigi deciza finalment kawza ohra. Sakhemm din il-kawza l-ohra kienet ghadha pendenti din il-kawza ma setghet qatt titqieghed fuq il-lista imsemmija fl-artikolu 964 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili - Kapitolu 12. Ghalhekk din il-kawza tpoggiet fuq l-imsemmija lista bi zball u dan il-fatt ma jista qatt jippregudika xi parti jew l-ohra. Ghalhekk ukoll hu korrett li

din il-kawza regghet giet appuntata ghas-smiegh sabiex tigi trattata u deciza;

Barra minn hekk, skond il-ligi, kawza li qed tistenna l-ezitu ta’ kawza ohra ma tistax titpogga fuq l-imsemmija lista u dan sakhemm il-kawza l-ohra ma tigix deciza b’mod finali u sakhemm ma jghaddiex certu terminu. Ghalhekk din il-kawza ma tistax titqies li kienet giet “dezerta” ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;

In vista ta’ dak kollu li gie premess l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ghandhom jigu rigettati, filwaqt li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut inkluza s-sottomissjoni tieghu rigwardanti l-allegata dizerzjoni tal-kawza u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma komplessiva ta' elf u erba' mitt lira (Lm1,400) rapprezentanti import ta' seba' (7) kambjali, iffirmati u accettati mill-konvenut, liema kambjali skadew minghajr ma thallsu u dana bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza rispettiva sad-data tal-pagament effettiv;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------